# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.1

## Kap 6: Salvana!

## Lezzjoni 6.1: Nikber bħal Ġesù!

## L-Għanijiet:



### It-tfal:

1. Jagħrfu li huma wkoll, bħal Ġesù, ma baqgħux trabi imma qegħdin jikbru.
2. Jiskopru li kibru kemm fil-ġisem u kif ukoll fil- kisba ta' ħiliet ġodda
3. Jifhmu li, bħal Ġesù, għandhom jikbru fi tfal bil-għaqal.

*Studji Soċjali (kross-kurrikulari)*

1. *Ikunu kapaċi jispjegaw il-bidla li seħħet f'ħajjithom peress li qed jikbru*
2. *Jifhmu li din il-bidla f'ħajjithom hi xi ħaġa komuni għat-tfal kollha*

*Science (kross-kurrikulari) - **Change***

1. *Know that some things can change. (Growing up is a changing process)*

## Riżorsi għal-lezzjoni:



1. Ritratti tat-tfal meta kienu għadhom trabi.
2. Ritratti riċenti tat-tfal.
3. Preżentazzjoni fuq IWB **Aħna nikbru bħal Ġesù.**
4. Karta ta' Tahrig: 6.1 Nikber bħal Ġesù.
5. Karta ta' Taħriġ Addizzjonali - Nikber bħal Ġesù.
6. The Growing up Song meħuda minn Barney
   http://www.youtube.com/watch?v=CSg3gsuLm3o

## Tħejjija minn qabel

1. Xi ġimgħa qabel avża lill-ġenituri permezz ta' nota biex mat-tfal jibagħtu ritratt ta' meta t-tfal kienu trabi u ieħor riċenti. Spjega li dawn ser jintużaw għal *Show and Tell* waqt lezzjonijiet varji fosthom tar-Reliġjon, tal-Istudji Soċjali u tax-Xjenza. Il-ftuħ ta' dan il-Unit huma lezzjonijiet kross-kurrikulari dwar il-bidliet fiżiċi u intellettwali tat-tfal. Fl-istess ħin ser nittrattaw *self-history* tat-tfal.



## Naqsmu flimkien

*L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu*

2. Uri lit-tfal fuq l-IWB stampa ta' tarbija u stampa tat-tfal tamparhom. Staqsihom x'differenza hemm bejn dak li jafu jagħmlu t-trabi u dak li jafu jagħmlu huma. Jekk isibuha bi tqila gwidahom lejn dawn il-punti:

| **Trabi** | **Tfal ta' ħames snin** |
|---|---|
| Titmagħhom il-mamà | Jieklu waħedhom |
| Jagħmlu pipì fil-ħarqa | Jagħmlu pipì fit-toilet |
| Jilagħbu biċ-ċekċika | Jilagħbu bil-ġugarelli tat-tfal kbar |
| Terfagħhom il-mamà u tpoġġihom ġol-*pushchair* | Jimxu waħedhom |
| Joqogħdu d-dar mal-mamà | Jiġu l-iskola biex jitgħallmu jaqraw, jiktbu u jgħoddu |

3. Fakkarhom li anke huma kienu trabi u li anke huma kienu jagħmlu l-affarijiet tat-trabi. Imma issa kibru u l-imġiba tat-trabi tidher taċ-ċajt fuq tfal kbar.

4. Hawnhekk tista' tieħu l-opportunità biex tfakkar lit-tfal li ċerta mġiba li kienet aċċettata fil-Kindergarten, imma issa li kibru u telgħu Year 1, m'għadhiex imġiba tajba. U dan għaliex kibru. Eż. Fil-klassi jqumu barra minn posthom mingħajr permess, jitkellmu x'ħin iridu, jilagħbu għal tul ta' ħin. Hu mistenni minnhom li joqogħdu bil-qiegħda u jkunu attenti ħalli jitgħallmu u jsiru bravi.

## Nisimgħu flimkien

1. Agħti lit-tfal karta mitwija fi tnejn. Għidilhom iwaħħlu (bil-kolla jew bl-sticky putty) ir-ritratt tagħhom: tat-tarbija fuq ix-xellug u r-ritratt riċenti fuq il-lemin.

2. Staqsi lit-tfal isibu xi ħaġa differenti u xi ħaġa li baqgħet l-istess fiż-żewġ ritratti. Dawn jistgħu jgħidulek li ma kellhomx snien, li kienu għadhom żgħar u issa twalu, li xagħarhom kien qasir jew ma kellhomx xagħar. Min-naħa l-oħra jistgħu jgħidu li l-kulur ta' għajnejhom u xagħarhom baqa' l-istess.

3. Agħti ċans lit-tfal kollha jitkellmu u juru r-ritratti tagħhom. Jekk isemmu xi ħaġa waħda mill-ħjiel t'hawn fuq ikun biżżejjed. L-importanti li kulħadd ikollu ċ-ċans juri r-ritratti tiegħu u li jgħid xi ħaġa żgħira.

4. Uri stampi ta' Ġesù fuq l-IWB permezz tal-preżentazzjoni **6.1 Aħna nikbru bravi bħal Ġesù.** Fuq page 1 tal-preżentazzjoni ssib 6 stampi li juru lil Ġesù f'fażijiet differenti ta' ħajtu.

5. Stabbilixxi li hekk kif fiż-żewġ ritratti tagħhom hemm l-istess persuna (huma), dik il-persuna f'dawn l-istampi huwa l-istess persuna – ĠESÙ. Għinhom jaslu għall-konkluzzjoni li anke Ġesù kien tifel bħalhom u kiber.

6. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.1 u li int tista' tipproġetta fuq IWB. Erġa' spjega l-fażijiet differenti fil-ħajja ta' Ġesù . Wara, it-tfal jistgħu jpinġu s-sentenzi mogħtija.

7. Uża **(jekk trid)** il-Karta ta' Taħriġ Addizzjonali mogħtija. L-għan ta' din l-attività hu li jagħrfu l-fażijiet differenti fil-ħajja ta' Ġesù u li jissortjaw l-imġiba ta' tarbija mill-imġiba ta' tfal tamparhom.

8. Spiċċa l-lezzjoni billi t-tfal ikantaw : The Growing up song.

## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)




1. Kulħadd xi darba kien tarbija.
2. Kulħadd irid jikber.
3. Aħna rridu nitgħallmu nġibu ruħna skont l-età tagħna.
4. Ġesù wkoll kien tarbija u kiber.
5. Huma jridu jikbru f'adulti bil-għaqal.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




Biex insiru tfal bil-għaqal irridu noqogħdu attenti sabiex nagħżlu dak li hu tajjeb. M'għandniex nimxu bl-aptit iżda għandna nagħmlu ħilitna biex nagħmlu li hemm bżonn.

**Niċċelebraw flimkien**



Insegwu u nkantaw

The Growing up Song meħuda minn Barney

http://www.youtube.com/watch?v=CSg3gsuLm3o

**Nitolbu**

*Ġesu' għinni ... biex inkun bħalek.*



(It-tfal isemmu xi ħaġa tajba li jistgħu jagħmlu)

- nċedi fil-logħob;
- nobdi lil min jieħu ħsiebi;
- nkun qalbi tajba;
- naħfer;
- nagħmel dmiri fil-klassi;
- nitlob.